MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 237/1998/1

Paul u Angela konjuġi Cauchi .

vs

L-avukat Dottor Carmelo Galea fil-kwalita' Tiegħu ta' mandatarju ta' l-insefrin Joseph Grima, Angelo Grima, Rosemarie Johada, Joanne Pisciotti u John Grima .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-attur għal diversi snin kienu jipprestaw serviġi kuri u assistenzi lil ċertu Peter Grima z-ziju patern tal-attriċi .

Illi dawn is-serviġi kienu jinvolvu prestazzjonijiet sostanzjali kuljum u mifruxa matul il-jum kollu kif jiġi ampjament ippruvat fil-kors tal-kawża .

Illi l-istess serviġi ġew ipprestati bl-intendiment ċar li l-atturi kellhom jiġu ritribwiti għalihom .

Illi għal dawn is-servizzi l-attur qatt ma ġew ikkumpensati .

Illi l-imsemmi Peter Grima miet fl-ewwel (1) ta' Lulju tal-elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) u wirtuh uliedu l-konvenuti.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jaddivjenu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' dawn is-servizzi .

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-atturi huma intitolat għall-kumpens għas-servizzi kuri u assistenzi pprestati minnhom lil Peter Grima .

2. Tillikwida dan il-kumpens.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali ppreżentati f'Jannar 1998 u f'Settembru 1998 .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Angela Cauchi .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi fl-ewwel lok, huwa kontestat illi l-atturi rrendew xi serviġi kuri jew assistenzi lil Peter Grima; kif ukoll huwa kontestat illi dawn is-serviġi ġew reżi bl-animu fil-partijiet illi l-atturi kellhom jiġu kumpensati għal kwalunkwe serviġi illi huma setgħu rrendew ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa wkoll kuntestat illi jekk għall-grazzja ta' l-argument l-

atturi effettivament irrendew xi serviġi u dawn ġew reżi bl-iskop ta' ħlas, fil-fatt l-atturi fadlilhom jitħallsu xi ħaġa mingħand il-mandanti tal-eċċipjenti, stante illi huma dejjem ġew ampjament kumpensati mill-istess Peter Grima .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine minnu maħlufa .

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Frar 1999 fejn ġie nominat l-avukat Dottor Ino Mario Grech bħala perit legali .

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Ottubru 1999 fejn fuq talba ta' l-istess perit legali, dan ġie sostitwit bl-avukat Dottor Giorgina Scicluna Bajada fl-istess inkarigu .

Rat ir-rapport ta' l-espert tagħha ppreżentat fil-15 ta' April 2004 u minnha maħluf fis-6 ta' Lulju 2004 .

Rat il-verbal tagħha tal-21 ta' Ġunju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li, wara li jiġi likwidat il-kumpens dovut lilhom għas-serviġi li jallegaw li rrendew lil ċertu Peter Grima, illum mejjet, il-konvenut nomine jiġi kkundannat iħallashom l-ammont hekk likwidat għal dawn is-serviġi.

Il-perit legali, wara li semgħet il-provi prodotti mill-atturi,[1] kienet f'pożizzjoni tikkonferma illi l-atturi tassew rrendew diversi serviġi, kuri u assistenzi lill-imsemmi Peter Grima li tagħhom ma kienux ġew adegwatament ikkumpensati . Infatti, wara li tagħti espożizzjoni dettaljata dwar il-prinċipji

[1] Ara fol. 39 sa 71 tal-process .

legali li fuqhom hija bbażata kawża simili, u kif din it-tip ta' kawża ġiet ittrattata sew fid-dottrina legali kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna,[2] Dottor Scicluna Bajada kkonkludiet illi : "*Minkejja l-allegazzjoni da parti tal-konvenuti illi l-atturi kienu tħallsu tas-serviġi resi minnhom lil Peter Grima matul ħajtu, ma nġabet l-ebda prova in sostenn ta' dina l-allegazzjoni, ħlief l-ammissjoni ta' l-atturi stess li kienu jitħallsu mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar mill-istess Peter Grima ...*"[3]

Mill-provi prodotti rriżulta illi l-atturi bdew jieħdu ħsieb ta' dan Peter Grima sa minn xi sena wara li kien irritorna mill-Istati Uniti ta' l-Amerika f'Awissu tas-sena 1983 . Dik il-ħabta Grima kien għaddej bi proċeduri ta' divorzju minn ma' martu fl-Istati Uniti, u wliedu kienu kollha jirrisjedu hemmhekk . Sakemm miet f'Lulju 1997, ħadd minnhom qatt ma ġie jżuru hawn Għawdex . Hawnhekk sab lill-attriċi, li tiġi n-neputija tiegħu u lil żewġha biex jagħtuh l-ghajnuna li kellu bżonn . Għall-bidu ħin l-għajnuna ma kienitx daqstant impenjattiva, u għalkemm Grima kien ibati minn infermita' fiżika, xorta waħda kien jirnexxilu jiddobba waħdu . Imma minn meta kellu jagħmel operazzjoni serja fl-Isptar ta' Għawdex, kien jeħtieġ aktar kura u sar ferm aktar dipendenti fuq l-assistenza illi kienu jagħtuh fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata l-atturi . Dawn is-serviġi baqgħu jiġu reżi sal-mewt ta' l-istess Peter Grima, ħlief għal perijodi sporadiċi qosra meta kien ikun hemm xi tilwim bejniethom . Għad-dettalji tal-kwalita' u entita' ta' l-istess serviġi qed issir referenza sħiħa għall-provi miġbura mill-perit legali, kif riportati fir-relazzjoni tagħha .

Ma ġewx stabiliti d-dati preċiżi meta l-atturi kienu jirrendu serviġi lill-Peter Grima fuq bażi "part-time" u meta l-istess serviġi kienu ferm aktar impenjattivi . Tenut kont illi l-atturi kienu jagħmlu xi perijodi sporadiċi miksura ma' Grima, minħabba li kien ikollhom xi jgħidu bejniethom, il-perit legali ddeċidiet illi għal fini ta' likwidazzjoni tal-kumpens dovut, tikkalkula biss iż-żmien li fih ġew reżi serviġi matul il-ġurnata kollha, u dana mill-1 ta' Jannar 1991 sad-data

[2] Ara fol. 71 sa 77 ibid. .
[3] Ara fol. 81 ibid. .

tal-mewt tiegħu fl-1 ta' Lulju 1997, perijodu ta' sitt snin u nofs . Billi normalment il-ħlas għas-serviġi jista' jkopri massimu ta' ħames snin minn meta jitterminaw dawn is-servizzi, irid jiġi stabilit jekk fil-każ preżenti kienx hemm xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni, li tintitola lill-atturi jirreklamaw kumpens għal perijodu itwal . Fil-fatt irriżulta mill-provi illi fl-1988, Peter Grima kien għamel testment fejn irrikonoxxa illi l-atturi kienu ġia qed jirrendulu xi serviġi, li tagħhom xtaq jikkumpensahom.[4] Ma jibqa' għalhekk ebda diffikolta' illi l-atturi jitħallsu għal perijodu itwal minn ħames snin .

Dwar l-entita' ta' l-eredita' ta' l-imsemmi Peter Grima, ħaġa li soltu tkun waħda mill-elementi li jittieħdu in konsiderazzjoni meta tkun qed issir il-likwidazzjoni tal-kumpens, ġie ppruvat illi dan kellu d-dar residenzajli tiegħu fin-Nadur, Għawdex, u xi żewġ biċċiet raba . Kellu wkoll madwar mitt elf dollaru amerikan f'investimenti u żewġ pensjonijiet mill-Istati Uniti ammontanti għal U.S.$ 1600 fix-xahar . Ġie ammess ukoll mill-istess atturi illi Grima kien jagħtihom mitt lira maltija (Lm100) fix-xahar sabiex ikopru l-ispejjeż li kienu jagħmlu ħalli jieħdu ħsiebu .

Għalhekk il-perit legali iffissat rata ta' disa liri maltin (Lm9) kuljun bħala kumpens għas-serviġi reżi fuq perijodu ta' sitt snin u nofs, kif fuq ingħad . Minn dawn kellhom jitnaqqsu l-mitt lira maltija fix-xahar li Grima kien iħallas lill-atturi "għall-ispejjeż" . Tenut kont ta' l-entita' ta' l-assi tad-decujus, u t-tip ta' serviġi reżi mill-atturi, li rriżulta sodisfaċentement li matul dan il-perijodu ħadu ħsieb ta' Peter Grima bħallikieku kien missierhom stess, il-Qorti tqis din ir-rata bħala waħda ġustifikata .

Għalhekk jiġi li huwa dovut lill-atturi għall-kuri u assistenzi reżi lill-imsemmi Peter Grima :

Lm9 x 365 x 6.5 = Lm21352.50

---

[4] ara testment in atti Nutar Dr. P. Pisani tal-14 .4.1988 a fol. 134 - 136 tal-process .

Minn dawn iridu, kif ingħad, jitnaqqsu l-mitt lira fix-xahar li kien iħallas Grima lill-atturi, u cioe' :

Lm100 x 12 x 6.5 = Lm7800,

Biex jiġi li għad baqa' x'jitħallas bilanċ ta' :

Lm21352.50 - Lm7800 = Lm13552.50

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u

1. tiddikjara illi l-konvenut nomine, bħala mandatarju ta' l-eredi tal-mejjet Peter Grima, huwa tenut iħallas lill-atturi kumpens għas-servizzi, kuri u assistenzi reżi minnhom lill-istess Peter Grima; konsegwentement

2. tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi fis-somma ta' tlettax-il elf ħames mija tnejn u ħamsin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm13,552.50) u

3. tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex iħallas lill-atturi l-ammonti hekk likwidati .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċċjali ta' Jannar u Settembru 1998, kontra l-konvenut nomine .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------